# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1013/2021 (AD)**

**NEZHA DRISSI (KI 432912L)**
**BĦALA MANDATARJA TA'**
**OBADA AMNEH (KI 168130A) U SOUAD DRISSI (KI 245412L)**

**VS**

**IVAN SCHEMBRI (KI 81776M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Nezha Drissi bħala mandatarja ta' Obada Amneh u Souad Drissi fis-sitta (6) ta' Lulju 2021, u risposta tal-intimat Ivan Schembri ippreżentata fit-tlettax (13) ta' Lulju 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fis-sitta (6) ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, talbu lil din il-Qorti żżomm lill-intimat milli jibni żewġ sulari addizzjonali fl-arja sovrastanti l-fond tagħhom 'Mediterranean Court', Flat 17, Triq it-Tamar, Qawra, San Pawl il-Baħar, peress li dan l-iżvilupp propost ser jippreġudika d-drittijiet tagħhom, u cioe (i) ser joħloq servitu ta' introspezzjoni fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti, senjatament it-terazzin u dawk

il-partijiet kollha esposti għall-introspezzjoni; (ii) ser inaqqas l-aċċess għal fuq l-ogħla bejt li tiegħu r-rikorrenti għandhom id-dritt t'użu, u dana peress li sew it-tromba tat-taraġ kif ukoll il-lift mhux ser jibqa' jwassal sal-ogħla bejt, oltre l-fatt li, kif jidher mill-permess relattiv, l-aċċess għall-ogħla bejt ser ikun permezz ta' *access hatch* li barra milli hija xi ħaġa skomda tista' tirriżulta wkoll perikoluża; u (iii) fi kwalunkwe każ, sejjer inaqqas l-użu tal-ogħla bejt;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2021 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata fit-tlettax (13) ta' Lulju 2021, l-intimat oppona għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u dan minħabba n-nuqqas ta' preġudizzju irrimedjabbli, illi huwa neċessarju f'mandat ta' dan ix-xorta;

5. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

**Fatti tal-Każ**

6. Permezz ta' rikors preżentat nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti ppremettew illi:

    a. Huma l-proprjetarji tal-fond 'Mediterranean Court', Flat 17, Triq it-Tamar, Qawra, San Pawl il-Baħar, liema fond huma akkwistaw bis-saħħa ta' kuntratt tal-għoxrin (20) ta' Novembru 2018 fl-atti tan-Nutar Andrea Micallef. Huma kienu akkwistaw *'a proportionate share of the ownership of the common parties, that is, the entrance, hall, stairs and drainage system; together with the use of roof, which roof remained the property of third parties which right of use means that the owner can install a television aerial, a water tank and use the roof for hanging and drying of clothes...'*;

b. Mill-banda l-oħra, l-intimat huwa l-applikant tal-iżvilupp tal-arja sovrastanti l-fond suriferit, u, bl-iżvilupp kif propost, ser ikun qed jippreġudika d-drittijiet tar-rikorrenti billi:

   i. Joħloq servitu ta' introspezzjoni fuq il-proprjeta' tal-esponenti, senjatament it-terrazzin u dawk il-partijiet kollha esposti għall-introspezzjoni;

   ii. Inaqqas l-aċċess għal fuq l-ogħla bejt li tiegħu r-rikorrenti għandhom id-dritt t'użu, u dan peress illi sew it-tromba tat-taraġ kif ukoll il-lift mhux ser jibqgħu jwasslu sal-ogħla bejt, oltre l-fatt illi kif jidher mill-permess relattiv, l-aċċess għall-ogħla bejt sejjer ikun permezz ta' *access hatch* li barra milli hija xi ħaġa skomda, tista' tirriżulta wkoll perikoluża;

   iii. Inaqqas l-użu tal-ogħla bejt;

c. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex twaqqaf lill-intimat milli jiżviluppa żewġ sulari addizzjonali skont il-permessi li ġew approvati mill-Awtorita' tal-Ippjanar;

7. Min-naħa l-oħra, b'risposta preżentata nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2021, l-intimat oppona għat-talba mressqa, u dan għas-segwenti raġunijiet:

   a. Jirriżulta nuqqas ovvju tal-preġudizzju irrimedjabbli, illi huwa neċessarju f'mandat ta' din ix-xorta;

   b. Jidher illi l-ikbar inkwiet li għandhom ir-rikorrenti hija l-opramorta fil-ħajt diviżorju illi mit-terrazzin propost jagħti għall-arja tar-rikorrenti, liema opramorta tista' faċilment tittella' wara li jitlesta l-iżvilupp jekk jiġi hekk ordnat mill-Qorti f'kawża ordinarja;

   c. In oltre, f'dak illi jirrigwarda l-jedd ta' nxir illi r-rikorrenti qed isostnu illi ser jitilfu, l-intimat spjega illi ż-żona fejn ir-rikorrenti jużaw għall-

inxir lanqas biss ser tintmess, u għalhekk mhu ser jinbidel assolutament xejn;

d. Finalment, l-ogħla bejt, u cioe l-bejt fejn hemm is-servizzi, se jibqa' l-istess. Is-servizzi se jibqgħu hemm, u se jċaqlaqhom l-intimat żewġ sulari 'l fuq a spejjeż tiegħu;

8. L-intimat għalhekk talab lil din il-Qorti tiċħad il-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern;

**Il-Qorti**

9. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

10. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

12. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

13. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

14. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

15. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu*

---

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

16. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

17. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

18. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

19. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **<u>irrimedjabbli</u>** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta'*

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

*immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

20. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]*:*

*[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*

*Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

21. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

*L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

---

[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

22. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża:

## A. L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi r-Rikorrenti għandhom jedd *prima facie*

23. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-seba' paġna ta' **Dok B** anness mar-rikors, fejn ġie miftiehem illi, *"Save the above, it is being clarified that the airspace over the terraces and balconies is the exclusive property of the vendor, and is thus being transferred to the purchaser, moreso it is being clarified that the owner of the airspace is not allowed or permitted to open apertures overlooking the said terraces."* In oltre, permezz tal-istess kuntratt, ir-rikorrenti, kif sostnew tajjeb fir-rikors tagħhom, akkwistaw *"a proportionate share of the ownership of the common parts, that is, the entrance, hall, stairs, shafts and drainage system; together with the use of roof, which roof remained the property of third parties which right of use means that the owner can install a television aerial, a water tank and use the roof for hanging and drying of clothes."* Il-Qorti naturalment tinterpreta l-kelma *'owner'* bħala referenza għar-rikorrenti;

24. Jirriżulta għalhekk saħansitra mill-kuntratt t'akkwist innifsu illi r-rikorrenti għandhom jeddijiet *prima facie* kemm fuq l-arja tal-bitħa, illi effettivament hija proprjeta' tagħhom, kif ukoll fuq l-ogħla bejt tal-blokk t'appartamenti kif inhu llum, fatti illi ma jidhirx illi qed jiġu kontestati mill-intimat;

25. In oltre, f'dak illi jirrigwarda l-bitħa, teżisti wkoll il-preżunzjoni tal-*vertical ownership*. Referenza ssir għad-digriet fl-ismijiet ***Avv Joseph M Sammut vs Dix Theodore Arthur***[8], fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta, b'referenza għal ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana, irriteniet illi min

[8] Mandat Nru 1475/17, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 21 ta' Novembru 2017, Onor Imħ Lawrence Mintoff

jiżviluppa arja fuq bini, m'għandu l-ebda dritt ta' introspezzjoni għal ġo terrazzin tal-fond ta' taħtu;

26. Għaldaqstant, tenut kont tal-fatt illi l-bini propost mill-intimat jaffettwa l-ogħla bejt, u ser ikun imiss mal-arja tal-bitħa proprjeta' tar-rikorrenti, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandhom jeddijiet *prima facie*, u **l-ewwel rekwiżit jissussisti u ġie sodisfaċentement pruvat**.

**B. It-Tieni Rekwiżit: Il-Mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrenti**

27. Il-Qorti tinnota illi l-partijiet jidhru illi qed jaqblu illi l-iżvilupp mhux ser isir fl-arja tal-bitħa tar-rikorrenti, iżda fuq il-bini ġia eżistenti. Dan jirriżulta anke mill-pjanta annesssa mal-permess tal-iżvilupp preżentata mar-rikors tar-rikorrenti. Għaldaqstant, dak illi trid tindaga din il-Qorti huwa jekk hemmx in-neċessita' illi jinħareġ dan il-mandat sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tar-rikorrenti minn introspezzjoni għal fuq il-bitħa tagħhom, u d-dritt t'aċċess tar-rikorrenti għall-ogħla bejt;

28. Il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti għandhom jeddijiet *prima facie* fuq l-ogħla bejt u fuq il-bitħa in kwestjoni, tali jeddijiet jistgħu faċilment jiġu salvagwardjati bi proċeduri ordinarji b'kawżi appositi, u ma jimmeritawx illi jiġu salvagwardjati bi proċeduri straordinarji bħal dawk odjerni;

29. F'dak illi jirrigwarda l-bitħa, biss biss, il-Qorti tinnota illi għalkemm ir-rikorrenti qed jilmentaw illi hemm possibilta' illi bl-iżvilupp jiġi kreat servitu' ta' introspezzjoni għal fuq il-proprjeta' tagħhom, fil-pjanti tal-iżvilupp propost m'hemm l-ebda indikazzjoni illi ser jinfetħu xi twieqi. Konsegwentement, il-Qorti tasal tikkonkludi illi, hekk kif argumenta l-intimat fir-risposta tiegħu, il-biża' illi għandhom ir-rikorrenti dwar il-kreazzjoni ta' servitu' ta' introspezzjoni fuq il-bitħa tagħhom huwa riżultanti biss mill-estensjoni tal-ħajt diviżorju, kwestjoni illi anke jekk għall-grazzja tal-

argument kellu jiġi milqugħ dan il-mandat, xorta waħda trid tiġi sorvolata fi proċeduri oħrajn;

30. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda l-ogħla bejt, il-Qorti tagħmel referenza għar-ritratt fir-risposta tal-intimat. Jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet (għaliex ma ġie fl-ebda ħin kontestat) illi dan ir-ritratt juri s-sitwazzjoni kif inhi preżentement. Ma jidhirx, *icto oculi*, illi hemm xi taraġ illi jwassal għall-ogħla bejt preżentement, u lanqas jidher illi l-lift iwassal sal-istess bejt. Mill-pjanta annessa mal-permess tal-iżvilupp jirriżulta illi fuq l-ogħla bejt hemm indikat *'Services'*, b'dana illi jidher b'mod ċar illi l-intiż tal-intimat huwa illi s-servizzi preżentement fuq l-ogħla bejt, ma jitneħħewx kompletament, iżda jitpoġġew żewġ sulari 'l fuq, bl-istess aċċesibilta' illi tissussisti preżentement. Naturalment, jekk ir-rikorrenti għandhom xi dubbju dwar jekk effettivament l-intimat hux ser iżomm kelmtu f'dak illi jirrigwarda s-servizzi, għandhom jieħdu l-passi kollha legali għad-disposizzjoni tagħhom, iżda żgur illi l-ħruġ tal-mandat odjern mhuwiex il-proċedura idonea sabiex ir-rikorrenti jaċċertaw ruħhom illi l-jeddijiet tagħhom ma jiġux preġudikati;

31. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi **<u>t-tieni rekwiżit ma jissussistix fil-każ odjern</u>.**

## C. <u>It-Tielet Rekwiżit: Il-Preġudizzju illi jista' jiġi kkawżat lir-Rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat, huwa wieħed Irrimedjabbli</u>

32. Hekk kif diġa ġie spjegat fir-riwgard tat-tieni rekwiżit, u anke fid-dawl tal-prinċipji legali suċitati, il-Qorti hija tal-fehma illi l-mertu tal-każ odjern, anke fuq bażi *prima facie*, ma jimmeritax il-miżura estrema ta' ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni. Il-preġudizzju illi jistgħu jsofru r-rikorrenti per kawża tal-iżvilupp jikkonsisti primarjament f'ċint *ossia* opramorta illi ma tiġix imtella' skont il-provvedimenti tal-liġi, u nuqqas t'aċċess għall-ogħla bejt. Hekk kif ġia ġie ampjament diskuss, dawn iż-żewġ preġudizzji huma faċilment rimedjabbli;

33. Konsegwentement, fid-dawl tal-ġurisprudenza suċitata, **<u>jirriżulta nieqes ukoll it-tielet rekwiżit</u>**.

**Decide**

34. Għal dawn il-motivi, fin-nuqqas ta' żewġ elementi minn tlieta illi jeħtieġ illi jissussistu sabiex jintlaqa' l-mandat odjern, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

    i. **<u>Tirrevoka</u>** *contrario imperio* id-digriet tagħha tas-sitta (6) ta' Lulju 2021;

    ii. **<u>Tiċħad</u>** it-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimat.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Hamis 29 ta' Lulju 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Abela**
**Deputat Reġistratur**